# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 24 ta' April 2001.**

**Numru 2**

**Avviz numru 581/97 SM**

**Express Trailers Limited**

**vs**

**Malta Fishfarming Limited u E.G. Trading Limited**

**Il-Qorti;**

Din hi sentenza fuq appell interpost mis-socjeta' konvenuta E.G. Trading Limited kontra s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-27 ta' Gunju 2000 fil-kawza bin-numru ta' referenza fl-ismijiet premessi liema sentenza taqra kif gej :-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz numru 581/97 datat l-20 ta' Marzu ta' l-1997 li permezz tieghu is-socjeta` attrici fuq riferita sejhet lis-socjetajiet konvenuti fuq indikati quddiem din il-Qorti biex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu ikkundannati:

1. Ihallsu in solidum bejniethom is-somma bilancjali ta' erba' mija u hamsin Lira Maltija, (LM450.00.0), dovuti minnhom ghall-garr ta' merkanzija migbura mill-pussess tas-socjeta` estera Floatex S.R.L. fuq "trailer" ETM54 li wasal Malta fid-dsatax ta' Marzu ta' l-1996 u ghal servizzi ohra relatati, forniti lilhom mis-socjeta` attrici u dan skond il-fatturi u dokumenti ohrajn hawn annessi u mmarkati Dokumenti "A" sa "F";

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ghall-ittra ufficjali in data 13 ta' Marzu ta' l-1997 u bl-interessi kummercjali mill-21 ta' Marzu ta' l-1996 sad-data tal-hlas effettiv kontra taghhom, u huma ukoll ingunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, s-socjeta` E.G. Trading Limited, datata d- 9 t'April ta' l-1997, li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Illi s-socjeta eccipjenti ma hiex debitrici tas-socjeta` attrici fl-ebda ammont billi;

a. il-merkanzija tas-socjeta` eccipjenti kienet mixtrija "C & F"; u

b. l-ispejjez accessorji lokali gew diga' mhallsa mis-socjeta` eccipjenti lis- socjeta` attrici;

2. Illi jirrizulta li s-socjeta` eccipjenti giet mitluba thallas spejjez lokali eccessivi u ghalhekk qegheda minn issa tirrizerva d-dritt li tigi risarcita ghall-eccess;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat ukoll in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta s-socjeta` Malta Farming Limited datata t-13 ta' Gunju ta' l-1997 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Illi t-talba attrici kif dedotta fil-konfront taghha hija infondata fil-fatt u fid-dritt, stante li hi hallset dak kollu dovut ghal garr tal-merkanzija taghha;

2. Illi hi ma ghandha l-ebda konnessjoni mas-socjeta` E.G.Trading Limited u kwalunkwe allegata somma dovuta mis-socjeta` E.G. Trading Limited mhiex imputabbli u dovuta mis-socjeta` eccipjenti;

3. Illi in vista ta' l-eccezzjoni tal-hlas, hija ma ghandiex tigi ikkundannata thallas l-ebda spejjez gudizzjarji;

Rat ukoll dikjarazzjoni prezumibbilment guramentata minn xi persuna fizika ghall-istess socjeta` konvenuta Malta Fishfarming Limited, ukoll datata t-13 ta' Gunju ta' l-1997, fejn gie dikjarat is-segwenti:

1. Illi s-socjeta` li hu jirrapprezenta kienet permess tas-socjeta` attrici gabet merkanzija;

2. Illi din il-merkanzija ma kienitx "a full container load" u fl-istess "container" kien hemm merkanzija ta' terzi persuni;

3. Illi s-socjeta` Malta Fishfarming Limited kienet hallset l-ispejjez tal-garr ghal merkanzija taghha, fl-20 ta' Frar ta' l-1997, kif jirrizulta mill-anness Dok. 'A';

4. Illi s-socjeta Malta Fishfarming Limited qatt ma accettat li tkun responsabbli ghall-hlas tal-garr tal-merkanzija tat-terzi persuni l-ohra, li ingieb fl-istess "container";

Ezaminat ix-xhieda gia' mismugha minn din il-Qorti diversament preseduta;

Ezaminat ix-xhieda ipprezentata fl-atti ta' din il-procedura permezz ta' affidavit datata l-25 ta' Marzu ta' l-1999;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

1. Illi jirrizulta li s-socjeta' attrici kienet giet mitluba iggib Malta permezz ta "trailer" merkanzija ghan-nom tas-socjeta` konvenuta l-Malta Fishfarming Limited;

2. Illi meta saru l-arrangamenti kollha bejn is-socjeta` attrici u is-socjeta` estera Floatex S.R.L. instab li meta tghabbiet il-merkanzija f'isem is-socjeta` konvenuta l-Malta Fishfarming Limited instab li kien hemm xi spazju fil "container" li kien ghadu mhux utilizzat;

3. Illi biex jagevolaw lis-socjeta' konvenuta, is-socjeta` E.G. Trading Limited, intlahaq ftehim biex titghabba l-merkanzija ghal din l-istess socjeta`;

4. Illi jidher li s-socjeta` Malta Fishfarming Limited ikkoncediet dan biex is-socjeta` l-ohra ma jkolliex ghalfejn tikri "container" shieh hi;

5. Illi effettivament il-konsenji tas-zewg socjetajiet konvenuti tnizzlu Malta fid-19 ta' Marzu ta' l-1996 permezz tat-"trailer" bin-numru "ETM - 54", u kien jikkontjeni l-merkanzija dovuta ghas-zewg socjetajiet konvenuti;

6. Illi s-socjeta` konvenuta E.G.Trading Limited qed tallega li m'ghandiex thallas ta' tali konsenja stante li l-"container" ma ordnawhx huma;

7. Illi s-socjeta` konvenuta Malta Fishfarming Limited issostni li m'ghandiex taghmel tajjeb ghall-parti mit-tghabija relattiva ghas-socjeta` konvenuta l-ohra;

Ikkonsidrat:

Illi s-suepost hu assodat mid-dokumentazzjoni pprezentata fl-atti ta' din il-procedura;

Ikkonsidrat:

Illi hi l-fehema ta' din il-Qorti li hawn si tratta ta' arrikkiment ingustifikat da parti tas-socjeta` konvenuta E.G.Trading Limited;

Illi jirrizulta li il-kuntratt originali ghall-garr ta' merkanzija kien bejn is-socjeta` Floatex u dik tal-Malta Fishfarming Limited;

Illi kieku s-sitwazzjoni baqghet bejn dawn iz-zewg partijiet ma jidhirx li kien ser jinqalghu xi intoppi serji bejniethom;

Illi l-gwaj beda meta dawn iz-zewg socjetajiet riedu jaghmlu pjacir lis-socjeta` konvenuta billi flok ihalluha tahli aktar zmien, dahhlu l-merkanzija taghha flimkien ma dik tas-socjeta` konvenuta l-ohra u dan , mhux biss ghall-ekonomija tal-hin, izda wkoll ghall-aktar efficjenza anke fl-interess ta' l-imsemmija socjeta` E.G.Trading Limited;

Illi ovvjament, is-socjeta` konvenuta l-ohra, il-Malta Fishfarming Limited, legittimament tippretendi l-korrispettiv finanzjarju altrimenti tkun qed isservi ta' skjav ghall-istess socjeta` E.G.Trading Limited;

Ikkonsidrat:

Illi ghalhekk jekk jigi permess li din is-socjeta` konvenuta, E.G.Trading Limited, tiricievi merkanzija minn barra minn Malta minghajr ma taghmel tajjeb ghall-ispejjez dovuti, anzi timponihom parassitistikament fuq haddiehor, tkun qed tarrekkixxi ruhu indebitament;

Ikkonsidrat:

Illi ghar-ragunijiet fuq indikati din il-Qorti taqta' u tiddeciedi li tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta` konvenuta E.G.Trading Limited u filwaqt li tillibera lis-socjeta` konvenuta Malta Fishfarming Limited, tikkundanna lis-socjeta` konvenuta E.G. Trading Limited thallas lis-socjeta` attrici Express Trailers Limited is-somma ta' erba' mija u hamsin Lira Maltin, (LM450.00.0), bl-ispejjez kollha ta' din il-procedura u inkluzi l-interess dovuti."

Mill-istess sentenza appellat l-imsemmija socjeta' konvenuta E.G. Trading Limited permezz ta' rikors ta' appell prezentat fis-6 ta' Lulju 2000 li bih talbet illi din il-Qorti :-

"Tirrevoka s-sentenza appellata u wara li tilqa' l-eccezzjonijiet taghha, tichad it-talbiet tas-socjeta' attrici appellata, in kwantu diretti kontra s-socjeta' appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta' attrici appellata.

Is-socjeta' l-ohra konvenuta cioe' il-Malta Fishfarming Limited ipprezentat risposta ghall-appell fit-22 ta' Awissu 2000 fejn issottomettiet illi l-appell ghandu jigi michud u s-sentenza appellata tigi konfermata almenu in kwantu fejn hija, cioe' s-socjeta' Malta

Fishfarming Limited giet liberata minn kull responsabbilita' ghal bilanc mertu ta' din il-kawza, bl-ispejjez kontra minn huwa verament responsabbli ghall-istess."

Is-socjeta' attrici appellata ma pprezentatx risposta ghall-appell interpost.

Din il-Qorti tibda biex tghid li ma tiskanta xejn illi s-socjeta' appellanti jigifieri s-socjeta' E.G. Trading Limited interponiet dan l-appell specjalment minhabba illi kellha ragun thossha urtata li tigi deskritta bhala li qeghda tapprofitta ruhha minn fuq dahar haddiehor bhal parassita meta effettivament jirrizulta bl-aktar mod ampju mill-atti processwali illi hija ghamlet l-ordni taghha minghand is-socjeta' estera taljana Floatex ghall-ammont ta' merkanzija u hallset ghalih C & F jigifieri bil-franka cioe' bill freight imhallas. Il-konkluzjoni ovvja hija illi l-kundanna tas-socjeta' appellanti ghall-hlas tal-freight lis-socjeta' attrici essenzjalment ikun ifisser li hija tkun mhux talli ma kienitx parassita imma li tkun giet li hallset darbtejn ghall-garr tal-istess merkanzija!

Dana igib lil din il-Qorti ghall-aggravji ta' dan l-appell tas-socjeta' appellanti li qed tissottometti li huwa evidenti li l-ewwel Onorabbli Qorti injorat ghal kollox il-fatt illi s-socjeta' appellanti xtrat minghand supplier barrani l-merkanzija de quo C & F, cioe' bil-freight diga' mhallas. Dan il-fatt, jissottomettu l-appellanti, gie abbundantement pruvat apparti li hu

accettat anke mill-partijiet l-ohra tal-kawza. Dan ifisser illi l-prezz tal-garr tal-merkanzija sa Malta kien inkluz fil-prezz li gie mhallas mis-socjeta' appellanti lill-esportaturi barranin. Tenut kont ta' dan il-fatt, l-appellanti ma jifhmux kif l-ewwel Onorabbli Qorti waslet ghall-konkluzjoni li s-socjeta' appellanti kienet qed tippretendi parassitistikament illi l-merkanzija taghha tingarr bla hlas u li kieku dan kellu jigi permess allura s-socjeta' kienet ser tarrikkixxi ruhha indebitament ghal spejjez ta' haddiehor.

In succint l-appellanti jissottomettu li bhala fatt is-socjeta' taghhom hallset ghall-garr tal-merkanzija de quo lill-esportaturi barranin, peress illi xtrat l-istess merkanzija C & F Limited, u l-eccezzjoni tas-socjeta' appellanti kienet cara mill-ewwel kif jirrizulta minn nota tal-eccezzjonijiet illi hija kienet xtrat il-merkanzija C & F.

Fl-ahharnett l-appellanti jissottomettu wkoll li s-socjeta' taghhom qatt ma kellha ebda relazzjoni kontrattwali mal-atturi nomine appellati, billi hi qatt ma tathom inkarigu li jgorru l-merkanzija de quo izda kienu t-terzi, cioe' l-esportaturi barranin li kkontrattaw maghhom sabiex tingarr u tingieb Malta l-merkanzija mertu tal-kawza li ghall-garr taghha s-socjeta' appellanti hallset direttament lill-esportaturi barranin.

Kif inghad, din il-Qorti, minn ezami tal-atti processwali, ma tistax ma taqbilx ma' dawn is-sottomissjonijiet 'il ghaliex verament huma bbazati

fuq fatti li anqas ma huma ikkontestati ; fatti li jirrizultaw ampjament kemm mid-diversi depozizzjonijiet illi nghataw li essenzjalment mhumiex konfliggenti kif ukoll mid-dokumenti li gew esebiti.

Bhala xenarju ta' dak li gara jinghad li m'hemmx f'hiex wiehed jitfixkel. L-effetti li jipprezenta dan ix-xenarju huwa s-segwenti :-

1. Jidher illi s-socjeta' konvenuta Malta Fishfarming Limited ghamlet ordni sostanzjali ta' merkanzija minghand Floatex S.R.L. li hi socjeta' Taljana. Din l-ordni ghamlitha ex works jigifieri kienet ser thallas tal-merkanzija kif tohrog mill-fabbrika u kienet ser thallas lill-Floatex ghall-merkanzija hekk kif tkun ghadha kif tohrog mill-fabbrika cioe' ghall-merkanzija intrisikament mentri ghall-kumplament, jigifieri ghar-rigward tal-garr, tal-freight, din l-istess socjeta' konvenuta Malta Fishfarming Limited kienet ser tkun responsabbli hi, billi kienet ipprovdiet hi stess ghal daqshekk.

2. Infatti jidher li l-Malta Fishfarming Limited ikkontrattat lill-Express Trailers Limited biex iggorrilha l-merkanzija li kellha tigi irtirata mill-istess socjeta' attrici minghand Floatex S.R.L. Ghall-garr ta' din il-merkanzija – effettivament si trattava ta' container – kienet ser tkun responsabbli l-Malta Fishfarming Limited li dahlet f'relazzjoni guridika ad hoc mas-socjeta' attrici.

3. Gara li nel frattemp E.G. Trading Limited, is-socjeta' konvenuta l-ohra li huma appellanti, ghamlet ordni ta' xi merkanzija minghand l-istess ditta Floatex S.R.L. li maghha kienet ikkontrattat is-socjeta' Malta Fishfarming Limited ghal xiri ta' merkanzija. Jidher li kien hemm xi kwistjoni dwar il-prezz fis-sens illi d-ditta E.G. Trading Limited kienet qeghda tilmenta illi l-prezz kwotat mid-ditta Floatex S.R.L. kien xi ftit aktar minn dak mistenni pero' jidher illi intlahaq ftehim fis-sens illi l-merkanzija kienet ser tinxtara, u effettivament inxtrat minghand E.G. Trading Limited fuq bazi C & F u li biex jigu minimizzati l-ispejjez ta' garr is-socjeta' Floatex S.R.L. bi ftehim ma' Express Trading Limited u Malta Fishfarming Limited irnexxielha tutilizza l-parti li kienet ser tibqa vojta mit-trailer, mill-container, li kien fih ser titghabba, jew diga' tghabbiet, l-merkanzija tal-Malta Fishfarming Limited.

4. Effettivament tghabbew iz-zewg merkanziji li waslu Malta u nhargu l-invoices bir-rizultat illi kemm Floatex S.R.L. kif ukoll Malta Fishfarming Limited u E.G. Trading Limited it-tlieta rrifjutaw li jhallsu ghall-garr tal-merkanzija appartenenti lil u cioe' importata mis-socjeta' E.G. Trading Limited.

F'dan ix-xenarju fil-fehma ta' din il-Qorti l-posizzjoni li temergi hija din :-

1. M'hemmx dubbju illi Floatex S.R.L thallset tal-freight direttament minghand E.G. Trading Limited pero' qed tirrifjuta illi thallas l-freight

dovut kemm lill-Malta Fishfarming Limited kif ukoll lill-Express Trailers Limited.

2. Malta Fishfarming Limited kienet ordnat it-trailer in kwistjoni u evidentement kienet ser tkun tenuta thallas tal-intier pero' certament fic-cirkustanzi parti mill-ispejjez tal-garr, parti mill-freight, certament mhux dovut minnha. Jekk hija thallas l-freight relattiv ghall-garr tal-merkanzija tas-socjeta' E.G. Trading Limited tkun qed thallas ghall-freight li minnu ma gwadanjat xejn, li mhux relatat mal-importazzjoni ta' merkanzija taghha, u li fi kwalunkwe kaz fl-ebda hin ma kienet obbligat ruhha vis-a-vis Express Trailers illi thallas. Wisq anqas vis-a-vis haddiehor.

3. Imbaghad hemm E.G. Trading Limited li kif inghad xtrat C & F u li kwantu jirrigwarda lilha hi diga' hallset l-freight dovut u ghalhekk tikkontendi illi l-kwistjoni tal-pagament li s-socjeta' attrici qed tippretendi hija kwistjoni li trid tigi eppurata u deciza bejn il-kontendenti l-ohra u Floatex S.R.L.

4. Finalment hemm Express Trailers Limited illi relazzjoni guridika ma' E.G. Trading Limited effettivament qatt ma kellha, relazzjoni guridika ma' Malta Fishfarming Limited kellha pero' fis-sens li ggorrilha l-merkanzija taghha u li s'intendi tithallas ghall-garr ta' dik il-merkanzija u li pero' prestat ruhha mas-socjeta' Floatex S.R.L. biex iggorr il-merkanzija dovuta lil E.G. Trading Limited.

Fil-fehma ta' din il-Qorti minn din l-istampa dan li johrog car huwa illi filwaqt illi s-socjeta' Floatex S.R.L. thallset tal-freight jew almenu kkwotat prezz u giet imhallsa prezz li kien skond id-dokumenti u anke skond l-ittri li eventwalment baghtet ikopri wkoll il-freight ippretendiet illi dan il-frieght m'ghandha tghaddih lil hadd u li l-garr tal-merkanzija ta' E.G. Trading Limited kien ser ikun a karigu tas-socjeta' Malta Fishfarming Limited li fi kwalunkwe kaz kellha ghad-disposizzjoni taghha l-container. Fil-fehma ta' din il-Qorti huwa dan il-pern tal-kwistjoni li ghandu jservi biex tigi rizoluta.

Fil-fehma ta' din il-Qorti in mankanza ta' xi prova illi Malta Fishfarming Limited giet kompensata minn Floatex S.R.L. talli ser iggorr il-merkanzija ta' E.G. Trading Limited il-posizzjoni guridika li temergi hija illi r-responsabbilita' ghall-hlas tal-garr tal-merkanzija ta' E.G. Trading Limited dovut lill-Express Trailers Limited, jinkombi fuq is-socjeta' Floatex S.R.L. u mhux fuq xi wahda mis-socjetajiet Maltin. Infatti fil-fehma ta' din il-Qorti s-socjeta' Malta Fishfarming Limited taht ebda cirkostanza ma jidher li tista' tigi tenuta responsabbli ghall-hlas tal-garr tal-merkanzija ta' E.G. Trading Limited ghar-ragunijiet ovvji li jissemmew; is-socjeta' E. Trading Limited ma tistax tkun tenuta responsabbli ghal xi hlas lejn Express Trailers Limited peress li xtrat li C & F minghand Floatex S.R.L. u ma kellhiex relazzjoni guridika diretta ma' Express Trailers Limited mentri kien Express Trailers Limited illi

kkontratta ma' Floatex S.R.L biex iggorr ukoll il-merkanzija ta' E.G. Trading Limited. Kien f'dak il-mument illi s-socjeta' Express Trailers Limited specjalment meta kellha f'idejha dokumenti rilaxxjati minn Floatex S.R.L. lill-merkanzija kienet mixtrija C & F li tikkonstata u taccerta ruhha dwar min kien ser jassumi r-responsabbilita' ghall-freight tal-merkanzija mghobbija ghan-nom ta' E. G. Trading Limited. Jidher illi Express Trailers Limited hadu l-kelma ta' Floatex S.R.L. illi l-Floatex kien ser ikun kopert kompletament mill-Malta Fishfarming Limited pero' ma hemm assolutament xejn x'jindika li legalment din il-kumpanija tal-ahhar assumiet din ir-responsabbilita' kemm vis-a-vis Floatex S.R.L. kif ukoll vis-a-vis Express Trailers Limited. Certament ma jistax jigi mistenni minnha li thallas ghall-merkanzija ta' E.G. Trading Limited kif anqas ma E.G. Trading Limited tista' tigi ritenuta obbligata li thallas darbtejn ghall-garr tal-istess merkanzija meta n-negozju guridiku kien wiehed u dirett ma' Floatex S.R.L. kif effettivament kien dak ta' Express Trailers Limited mal-istess socjeta' Floatex S.R.L.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tilqa' l-istess u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu lliberat lis-socjeta' konvenuta Malta Fishfarming Limited mill-osservanza tal-gudizzju tirrevokaha in kwantu laqghat it-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta appellanti E.G. Trading Limited u invece tichad it-talbiet attrici kif dedotti fil-konfront ta' din is-socjeta' wkoll. L-ispejjez kollha kemm tal-prim istanza kif ukoll ta'

din l-istanza ikunu a karigu tas-socjeta' attrici appellata Express Trailers Limited.

Dep/Reg

mg